# DRAWWIET LI SPIĊĊAW JEW INBIDLU

Rafel Bonnici Calì

*Minn żmien għal żmien qed nippubblikaw xi artiklu li jkun deher fl-Imnara ta' bosta snin ilu, u li ma jkunx għadu aċċessibbli b'mod komdu għall-qarrejja tagħna. Dan l-artiklu li qed inġibu f'din il-ħarġa kien deher l-ewwel darba fl-Imnara Nru 5, f'Awwissu tal-1982. Rafel Bonnici Calì twieled fil-11 ta' Ġunju 1907 u f'din il-kitba qed isemmi xi drawwiet li kien għexhom hu, u li llum għebu minn fostna jew inbidlu. — L-editur*

**Fi tfuliti kien hemm xi drawwiet li llum spiċċaw jew inbidlu, skont il-ħsieb tan-nies tal-lum — għax hekk miexja d-dinja... dejjem iddur u aħna nduru magħha. Dawn id-drawwiet kienu l-aktar ta' xeħta reliġjuża.**

## IL-MAGĦMUDIJA

Dari, il-magħmudija kienet aktarx issir l-għada stess tat-twelid tat-tarbija, u kull tarbija titgħammed għaliha fuq il-fonti qrib il-bieb ta' barra tal-knisja. Minn ftit snin 'l hawn, it-trabi bdew jiġu kollha flimkien il-knisja, u jitgħammdu fuq l-artal stess wara xahar jew aktar fuq it-twelid; u għalhekk illum l-omm stess tressaq it-tarbija għal dan is-sagrament. Dari, l-omm qatt ma kienet tara l-magħmudija ta' wliedha, għax kien hawn id-drawwa li l-omm ma toħroġx mid-dar qabel jgħaddu erbgħin jum mit-twelid. Għalhekk dari t-tarbija kienet tinġarr lejn il-knisja minn mara li tissejjaħ 'ir-reffiegħa', u din kienet tieħu ħsieb ta' kollox: il-ħin, il-qabla (li fl-ibliet kienet tissejjaħ 'il-majjistra'), u saħansitra l-isem tat-tarbija. Iżda l-missier spiss kien jieħu sehem ukoll, għax wara kollox id-dritt hu tiegħu li jagħti l-isem, u jieħu ħsieb il-ħlas tax-xemgħa u xi flus oħra lil min kien jgħammed. Ma' dawn kienu jieħdu sehem ukoll, l-istess bħalma għadu jsir, il-parrinijiet — raġel u mara ħbieb tal-familja, li x-xogħol tagħhom kien li jżommu t-tarbija mimduda sakemm il-qassis isawwab l-ilma fuq rasha. Ir-ras tinżamm mir-raġel jekk it-tarbija tkun tifel, u minn mara jekk it-tarbija tkun tifla.



**Ir-ras tinżamm mill-parrinu raġel jekk it-tarbija tkun tifel, u mill-parrina mara jekk it-tarbija tkun tifla**

Din kienet il-magħmudija tal-ħaddiem u ta' dawk ta' klassi medja komuni. Min kien jista' mhux ħażin kien iżid xi ħaġa oħra; flok xemgħa ta' kwart kien jagħti waħda ta' ratal, u flok disa' rbajja' lill-qassis, kien jagħti tmintax irbiegħi (żewġ xelini u nofs). Imma min kien tassew sinjur kien jagħti lira tad-deheb lill-qassis, u jqassam nofs lira oħra lis-sagristan u lit-tifel abbati li jkun hemm. Tirrakkanta ommi li kulħadd kien skanta meta s-Sur Ġużeppi D'Amato ta lira tad-deheb lill-qassis meta kien għammed l-ewwel tifla li kellu, meta l-knisja ta' Raħal Ġdid saret parroċċa fl-1910. Tirrakkonta wkoll li l-Markiż



**Il-Markiż Barbaro ħa t-tarbija tiegħu biex titgħammed riekba fuq il-parilja, u ż-żwiemel kellhom in-nagħal tad-deheb għall-okkażżjoni**

Barbaro ħa t-tarbija tiegħu biex titgħammed fil-knisja ta' Ħal Tarxien bil-parilja, u ż-żwiemel kellhom in-nagħal tad-deheb għall-okkażjoni. Ħa wkoll miegħu buqar u friskatur tal-fidda, u xugaman tal-għażel irrakkmat biex il-qassis jaħsel idejh, u meta kien lest kollox, tefagħlu fuq idu fwieħa minn flixkun ċkejken; minn dan il-flixkun raxx ukoll il-fwieħa fuq idejn kull min kien hemm fil-knisja. Din il-biċċa tal-fwieħa ntgħoġbot wisq, u ftit ftit saret drawwa wkoll tan-nies tal-klassi l-medja. Niftakar, fost l-oħrajn, lil missieri jroxx il-fwieħa fuq dawk li kienu fil-knisja għall-magħmudija ta' oħti ż-żgħira Lorenza. Dak iż-żmien jien kelli xi disa' snin u mort il-knisja mdaqqaq, inżomm ix-xemgħa mal-kumpanija sħiħa tal-familja u tal-parrinijiet; kulħadd bil-mixi qisna purċissjoni, għax hekk kienet id-drawwa dak iż-żmien.

M'hemmx għalfejn ngħidu, għamilna purċissjoni oħra mill-knisja għad-dar, fejn sibna xi ħaġa tal-ħelu, ġelat, biskuttini bil-ġelu tawwalin u għamla tal-ittra 'S', xogħol ta' Malta, skont l-użanza Maltija. Kellna wkoll ix-xorb tar-**rożolin** u l-**menta** għat-tfal, u l-**maskta** u r-**rum** għall-kbar. Kienet drawwa oħra li l-parrinijiet jagħtu r-rigali, ġeneralment xi ħaġa tad-deheb, x'aktarx xi labra jew ġiżirana bis-salib jew domna, għat-tarbija filjozza. Ta' tifel li kont, gawdejt kemm flaħt bil-biskuttini u r-rożolin aħmar u ħelu, famuż għal waqt il-festi tal-magħmudijiet u t-tiġien ta' dari. Ħaġa stramba li dawn il-festi ma kinux isiru meta t-tfal jagħmlu l-Ewwel Tqarbina, forsi għax ma kienx hemm ħtieġa ta' parrinijiet għal dan is-Sagrament. Anki għall-Griżma tal-Isqof, li għaliha jkun hemm bżonn il-parrinijiet, ftit li xejn kienu jagħmlu festi familjari, għalkemm il-parrinijiet kienu jagħtu xi ħaġa tad-deheb lill-filjozzi tagħhom.

Dawn il-parrinijiet tal-Griżma u tal-Magħmudija kienu jissejħu '**xbejjen**' (singular: '**xbin**') mill-ġenituri tal-filjozzi, u l-ġenituri kienu joqogħdu attenti lil min jaqilgħu bi xbejjen — għax dawn jibdew jitqiesu bħala biċċa mill-familja tagħhom; għalhekk kien unur kbir li wieħed jinħatar parrinu, jew oħra tinħatar parrina.

## TAL-MUŻEW

Il-festi tal-preċett u l-griżma tal-Isqof bdew x'aktarx isiru fil-familji wara li bdew isiru mill-istituti tad-duttrina msejħa 'tal-Mużew', li kien waqqaf Dun (San) Ġorġ Preca fl-1907 fil-Ħamrun, u li malajr xterdu ma' Malta u Għawdex. It-tfal bdew jinġabru fil-Mużew tal-belt jew raħal tagħhom, u jmorru l-knisja f'għamla ta' purċissjoni, flimkien mal-għalliema tagħhom tal-katekiżmu, ikantaw matul it-triq. Bl-istess mod kienu jerġgħu lura lejn il-Mużew fejn kien ikollhom imħejjijin **biskuttini ta' Malta** u **kokotina**. Dawn kienu l-festi ta' wlied il-poplu, organizzati mill-għaqdiet ta' Dun (San) Ġorġ. Iżda kien hemm ukoll it-tqassim tas-santi mill-kappillan lil kull tifel u tifla, biex jibqgħu jiftakru f'dak il-jum sabiħ. Dawn kienu santi kbar, li jkun fihom l-isem tat-tifel jew tifla, u tal-parroċċa. Il-familji bdew jagħtu wkoll santi żgħar b'isem uliedhom lil ħbiebhom, li bdew ukoll jiġu mistiedna jiltaqgħu d-dar. Illum dawn saru komuni ħafna.

Dari, is-santi kienu jsiru biss għall-ewwel quddiesa tal-qassisin il-ġodda, bl-istampa fuq quddiem, u kitba bl-Ingliż, bil-Latin jew bit-Taljan fuq wara. Illum din il-kitba x'aktarx issir bil-Malti. Spiċċaw dawk is-santi lussużi, imdawrin bil-bizzilla, li kienu jsiru fl-antik. Kollezzjoni ta' santi antiki bħal dawn ikun fiha tassew x'tara.

## IL-FUNERALI

Santi oħra ta' tifkira kienu dawk tal-mejtin; li xi drabi bdew ikollhom fuqhom mhux biss xbieha ta' qaddis jew ta' xi ħaġa oħra, u kitba bl-isem u d-data tal-mejjet, imma wkoll fotografija — minn nofs is-seklu dsatax 'il quddiem. Il-funerali dejjem kienu jsiru mill-aħjar li wieħed jista', bħala sinjal ta' rispett u ta' mħabba lejn il-mejjet. Qawl Malti jgħid, "Kulħadd ikeffen 'l ommu kif jista'." Dari, il-familji tal-flus kienu jaħsbu għall-qabar qabel ma jaħsbu għall-bini ta' djarhom. U dawk li kienu tassew għonja kienu jżejnu l-qabar b'għatu tal-irħam, u fuqu l-arma tal-familja b'kitba bil-Latin jew bit-Taljan. Kulħadd kien iħabrek biex jindifen fil-knisja fejn ikun tgħammed u kien jaħseb ukoll biex ikollu talb għall-mistrieħ ta' ruħu billi jinkiteb f'xi fratellanza li taħseb għas-suffraġju tal-imseħbin tagħha. L-għonja kienu jħallu flus għall-quddies jew karità; imma l-fqar u l-klassi l-medja kien jaqblilhom jinkitbu f'xi fratellanza, u b'hekk ikollhom suffraġju mhux inqas minn ħaddieħor.

Fratell kellu wkoll il-privileġġ li jindifen fil-qabar tal-fratellanza, u jkollu wkoll funeral sabiħ bil-fratelli jakkumpanjawh bl-istandard tagħhom. Bniedem kien jista' jinkiteb f'kull fratellanza tal-parroċċa tiegħu u wkoll f'ta' parroċċi oħra. F'Ħal Tarxien, fil-parroċċa tiegħi, il-bdiewa u xi mgħallmin kienu jinkitbu fil-ħames fratellanzi, u kien ikollhom funerali daqs tal-aqwa għonja, bl-akkumpanjament ta' ħames standardi u ħafna fratelli. Dari, hawn kulħadd kien bidwi jew jaħdem għal rasu, u kien jista' jfalli meta jrid mix-xogħol biex jieħu sehem fil-funerali. Għalhekk meta kien imut xi fratell, is-sagristan kien joħroġ idur mar-raħal bil-qanpiena f'idu — idoqq u jgħajjat. Dan kien iseħħ wara li ddoqq l-Ave Marija. L-għajta tiegħu kienet tkun:

*Tal-abjad, tal-aħmar, tal-ikħal, tal-iswed u l-aħdar*
*għada fis-sebgħa l-kumpanjament!*

Dan kien ifisser li l-fratelli tar-Rużarju, tas-Sagrament, tal-Kunċizzjoni, taċ-Ċintura u tad-Duttrina riedu jmorru għall-funeral fil-ħin. Ma' dawn kienu jiżdiedu l-qassisin li kienet tordna l-familja tat-tajjeb, u kien ikun hemm funeral daqs ta' kappillan, ukoll jekk il-mejjet kien xi bajjad jew skarpan. Id-differenza kienet tkun biss li l-kappillan kien jinġarr mikxuf fuq il-mejjilla u l-iskarpan f'tebut magħluq. Imbagħad kien ikollna l-funeral tal-foqra, meta xi ħabib kien joħroġ (jiġbor) mat-triq biex isirlu tebut irħis, u l-imsejken jittieħed fil-knisja u jindifen fil-qabar tal-komun, dejjem bl-akkumpanjament tal-kappillan tal-parroċċa. F'xi parroċċi fejn hemm il-fratellanza tal-Karità, bħall-Belt, il-Birgu, u r-Rabat, il-foqra kienu jinġabru u jindifnu minn dawn il-fratellanzi tal-ħniena, li jaħsbu wkoll għall-mistrieħ tal-erwieħ kollha, għonja u foqra xorta waħda.



**"Tal-abjad, tal-aħmar, tal-ikħal, tal-iswed u l-aħdar — għada fis-sebgħa l-kumpanjament!"**